## Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 444/2016

**Il-Pulizija**

**(Spettur Elton Taliana)**

**vs**

**Sean Zammit**

Illum 13 ta' Ottubru, 2022

**Il-Qorti**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Sean Zammit detentur tal-karta tal-identita' Maltija numru 276892(M), quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fid-9 t'Awwissu 2011 għall-ħabta tat-tmienja neqsin għaxra ta' filghaxija (19.50) ġewwa Triq il-Kbira Birkirkara:

1) Attakka jew għamel reżistenza jew b'ħebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku u ċioe' kontra l-kuntistabbli PS241 Nicholas Farrugia u PC 442 Gary Scerri waqt li kienu qed jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi;
2) Talli saq vettura tal-għamla Mercedes bin-numru tar-reġistrazzjoni HBI -607 mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan

mill-awtorita' dwar it-trasport ta' Malta taħt dik il-kategorija għall-imsemmija vettura;

3) Talli saq l-imsemmija vettura b'numru tar-reġistrazzjoni HBI607 tal-għamla Mercedes mingħajr ma kienet koperta b'polza tas-sigurta' dwar riskji għal terzi;

4) Irrifjuta li jagħti jew ta falz lill-uffiċjal pubbliku jew lil wieħed ieħor li kien inkarigat minn servizz pubbliku waqt li jkun jagħmel id-dmirijiet tiegħu, ismu, kunjomu, fejn joqgħod u partikolaritajiet oħra;

5) Ħarab mill-kustodja tal-Pulizija;

6) Ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-awtorita' jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma ħallihomx jew fixkilhom waqt li kienu jagħmlu d-dmirijiet tagħhom, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħal fi dmirhom, billi ma ħalliex lil ħaddieħor jagħmel dak li b'liġi jkun ordnat jew jista' jagħmel, jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li ħaddieor ikun għamel skont il-liġi jew b'xi mod li jkun;

7) U aktar talli kkommetta reat waqt li kien taħt sentenza sospiża, liema sentenza ngħatat mill-Qorti tal-Maġistrati Maltin kif preseduta mill-Maġistrat Dr S Demicoli LL.D. nhar l-10 ta' Marzu 2011, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tkun mibdula;

Il-Qorti kienet mitluba titratta lill-imputat bħala reċidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Kodiċi Kriminali meta huwa kien ġie misjub ħati u kkundannat għal reati, b'sentenzi tal-Qrati Maltin, liema sentenzi saru definittivi..

Il-Prosekuzzjoni, b'żieda mal-piena skont l-artikoli, talbet l-iskwalifika minn kull liċenzja tas-sewqan jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan.

Rat is-sentenza tat-28 ta' Settembru 2016 tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet premessi li biha, fuq ammissjoni, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih u kkundannatu għal sena(1) priġunerija. Inoltre, a tenur tal-artikolu 15(3) tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti ordnat l-iskwalifika tal-liċenzji tas-sewqan ta' Sean Zammit għal żmien sena liema perjodu minn dak in-nhar li jkun akkwista l-liċenzja tas-sewqan u minn meta jkun skonta s-sentenza ta' priġunerija inflitta fuqu.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Sean Zammit ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fl-10 t'Ottubru, 2016 li bih talab lil din il-Qorti **tikkonferma** s-sentenza fil-parti fejn sabet lill-appellant ħati, **tirriformaha** fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minfok timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat

**Nullita' tas-sentenza appellata:**

1. Illi minn ezami tal-atti processwali, il-Qorti osservat illi meta l-appellant tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kellu jwieġeb għall-sitt (6) imputazzjonijiet u għall-addebitu tar-reċidiva. Fil-mori tal-proceduri, izda, l-Prosekuzzjoni kienet talbet zieda fl-imputazzjonijiet u din kienet awtorizzata mill-ewwel Qorti u l-imputat kien ta ruhu b'notifikat. Din l-imputazzjoni issa hija enumerata (7) fil-parti dispozittiva tal-fatti f'din is-sentenza, liema zieda mhix riflessa fil-fatti esposti mill-ewwel Qorti. Iz-zieda mitluba u akkordata hija s-segwenti:

' *aktar talli kkommetta reat waqt li kien taħt sentenza sospiża, liema sentenza ngħatat mill-Qorti tal-Maġistrati Maltin preseduta mill-Maġistrat Dr S Demicoli LLD nhar l-10 ta' Marzu, 2011 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula'.*

2. Din iz-zieda kienet intalbet fl-udjenza tad-9 ta' Ottubru, 2012 u akkordata fl-istess jum. Stante zieda fl-imputazzjonijiet, l-ewwel Qorti korrettament ordnat il-qari mill-gdid tal-imputazzjonijiet kif ukoll li jsir l-ezami tal-imputat ukoll mill-gdid fejn hu registrat li wiegeb mhux hati ghall-mistoqsija dwar xi jwiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu. Wara diversi seduti, l-imputat irregistra ammissjoni fil-5 t'Awwissu, 2016 u ghalhekk l-ammissjoni kienet tkopri z-zieda fl-imputazzjonijiet. Minkejja dan, l-ewwel Qorti naqset li takkludi dak il-fatt meta ddikjarat lill-imputat hati fuq ammissjoni u naqset ukoll milli tindika l-artikolu

tal-ligi relevanti ghal dak il-fatt kif jitlob ad nullitatem l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali u konsegwentement naqset ukoll milli tikkomina s-sanzjoni dwarha. Din il-Qorti qeghda *marte proprio* tissolleva n-nullita' tas-sentenza appellata għaliex meta Qorti tiddisponi minn kawża mingħajr ma tkun qalet x' inhuma l-fatti kollha u minghajr ma tippronunzja ruħha dwar l-imputazzjonijiet kollha tkun qed tippekka f'karenza ta' natura procedurali li ggib maghha n-nullita'. Issir referenza ghas-sentenzi Il-Pulizija vs Carmel Mifsud App Krim 6.7.2007 (400/06DS); Il-Pulizija vs Joseph Brown Appell Krim 31.5 2012; Il-Pulizija vs Robert Farrugia 357/14 – 19.11.2015; u Il-Pulizija vs Philip Zahra 348/15 – 28.9.17;

3. Stante li dan in-nuqqas da parti tal-ewwel Qorti jammonta ghall-nuqqas ta' formalita' sostanzjali ex artikolu 377 u 382 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' din il-Qorti qed tiddikjara s-sentenza nulla u ser tgħaddi biex tiddeċiedi hi stess l-kawża mill-ġdid kif jitlob l-artikolu 428(3) tal-Kodici Kriminali;

4. Illi fil-kaz odjern din il-Qorti ma ghandhiex ghalfejn tezamina l-provi mill-gdid u tiddeciedi jekk hemmx htija jew le ghaliex l-imputat kien rregistra ammissjoni inkondizzjonata mhux biss ghall-imputazzjonijiet kif riprodotti mill-ewwel Qorti izda ukoll ghall-imputazzjoni mizjuda li l-ewwel Qorti naqset milli ssib htija dwarha kif spjegat *supra*. Tajjeb li jkun osservat f'dan l-istadju illi meta jsir hekk hemm zewg principji li, kif emergenti mill-gurisprudenza abbracjata minn din il-Qorti, jigifieri, l-ewwel li l-aggravji tal-imputat jitqiesu bhala osservazzjonijiet u t-tieni illi din il-Qorti mhix marbuta mal-piena erogata mill-ewwel Qorti kif jiddisponi l-artikolu 428(7) tal-Kodici Kriminali u tista tikkomina

piena aktar minn dik hekk kominata fl-ewwel istanza. Dwar l-ewwel principju qed issir referenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Dr. Alfred Grech** – App Krim 10.9.2007 kwantu t-tieni principju ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Joseph Farrugia 13.1.1995 App Krim.** Ghalhekk il-kompitu ta' din il-Qorti f'dan l-istadju revizorju hu li tghid li l- imputat kien ukoll mixli li kkommetta reat waqt ; tiddikjara htija fl-imputat fl-imputazzjonijiet kollha, stante ammissjoni, u tikkalibra l-piena erogabbli wara li tqis l-osservazzjonijiet, ossia l-aggravji, tal-appellant u tiehu in konsiderazzjoni r-reat li dwaru l-ewwel Qorti naqset li tiehu in konsiderazzjoni;

5. Illi ghallhekk, fl-ewwel lok, wara ammissjoni, din il-Qorti qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, inkluza ghalhekk l-imputazzjoni mizjuda waqt l-udjenza tad-9 t'Ottubru, 2012 u riflessa fil-fatti kif esposti minn din il-Qorti u dan wara ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat kif registrata fl-udjenza tal-5 t'Awwissu 2016 wara li inghata zmien sabiex jikkunsidra u jerga lura minn dik id-dikjarazzjoni u wara li rat l-artikoli 17, 49 u 50, 95 (kif vigenti fiz-zmien tar-reat), 151, 338(g), 338(ee) u 28B tal-Kodici Kriminali, 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-ligijiet ta' Malta u 3(1),(2)(c) u 2(A) tal-Kapitolu 104, qed issib lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tal-addebiti tar-recidiva u ser tghaddi biex tikkunsidra l-piena kominabbli;

6. Illi dwar il-piena, tajjeb li ssir referenza ghall-fatti tal-kaz u tax-xhieda prodotti fejn, brevement rakkontati, naraw li l-appellant, li filwaqt li fuqu kellu mposta skwalifika tal-licenzja tas-sewqan tieghu minn April, 2011 u ghalhekk vigenti fiz-zmien tar-reat,

intlemah mill-pulizija isuq ciononostante. Huwa ċaħad li kien qed isuq, imma li kienet qed issuq Simone Grixti. Il-Pulizija marru biex jarrestawh u huwa rreżista l-arrest, tant li laqat il-pulizija u għamlilhom xi offizi waqt li kienu qed jipprocedu sabiex jimmanettjawh;

8. PS 241 Nicholas Farrugia xehed illi waqt li kienu qegħdin fuq ronda fid-9 t'Awwissu, 2011 waqt li kienu għaddejjin minn Santu Rokku direzzjoni għal fuq il-pont ta' Birkirkara minn Imsida Street ħarġet vettura Mercedes, ' daret 'l fuq għal Triq San Ġużepp li tiġi wara l-għassa, triq dejqa ħafna. Gharaf lis-sur Zammit li kien qed isuq din il-vettura. Huwa talbu l-particulars tiegħu meta rah ħiereġ mill-karozza għax kien jaf li kellu sentenza fejn kien skwalifikat mil-liċenzja tas-sewqan għal sentejn. Huwa ma riedx jagħti l-particulars, qallu li ħa jkollu jarrestah iżda dan għolla l-manetti fl-arja, umbgħad arrestawh fl-għassa;

9. PS 321 Alan La Grasta xehed illi kien ra liż-żewġ kollegi tiegħu PS 241 u PC 442 jargumentaw ma' Sean Zammit. Simone Grixti bdiet tgħajjat, twerżaq, titkellem ħażin , toffendihom u theddihom li ser ipattuha. PC 442 qal li x'ħin mar biex jarrestah ħebb għalih Sean Zammit u korrih f'idejh u kellu xi grif. Lil Simone Grixti qallha biex toħroġ u ma riditx u fl-istess ħin tgħajjat li hija tqila u biex ħadd ma jmissha iżda ħadd ma kien qed imissha u qalulha biss biex toħroġ mill-għassa;

10. PC 442 Gary Scerri xehed li dakinhar Simone Grixti kienet ġiet l-għassa biex tiġbor xi affarijiet peress li fejn kienet qed tikri sid il-kera keċċietha 'l barra u ħallitilha l-affarijiet l-għassa. Hija

marret tistenna fuq l-għatba lil xi ħadd ġej għaliha. Huwa mar ikompli r-ronda ma' PS 241 u PS 241 innota l-Mercedes u lil Sean Zammit qed isuq l-istess karozza meta kien għadu kemm weħel sentejn ma jistax isuq b'sentenza. Sakemm reġgħu dawru raw lil Zammit ħiereġ bit-televixin minn ġol għassa sejjer lejn din il-karozza. X' ħin talbu l-particulars dan irrifjuta u għalhekk qallu ser jarrestah. Huwa beda jirreżistih, giriflu idu l-leminija u ramielu l-manetti mal-art. Huma mmanetjawh u ħaduh l-għassa mentri sadanittant Simone Grixti il-ħin kollu toffendihom u theddidhom. Huwa preżenta ċertifikat mediku tal-grif. Simone Grixti bdiet tgħid li hija tqila u għalkemm ma kinitx tidher is-surġent ħalliha titlaq.

Ikkunsidrat:

11. Illi l-argumenti mressqa fl-aggravju, allura issa sottomissjonijiet tal-appellant dwar il-piena huma li fil-fehma tiegħu li din il-piena hija waħda sproporzjonata għaliex l-Ewwel Qorti, waqt li qieset l-ammissjoni xejn bikrija u l-kondotta tal-appellant, injorat diversi aspetti ohra li ghandhom isawru il-kalibrar taghha. L-inċident seħħ qabel kienet emendata l-liġi u qabel ma l-liġi kienet timponi l-piena karċerarja b'mod tassattiv; L-inċident ma kienx wieħed li fih intużat forza fiżika iżda kien hemm reżistenza sabiex l-appellant jagħti d-dettalji tiegħu; Il-Qorti setgħet illiberat b'kundizzjoni u il-każ kien seħħ ħames snin qabel ingħatat is-sentenza; Wara s-sentenza kien għamel programm ta' riabilitazzjoni u għalkemm persuna jkollha kondotta ikkulurita dejjem għandha tingħata ċans. L-appellant jagħmel referenza għas-sentenzi 'Il-Pulizija v Stephen Spiteri' tat-22 ta' Settembru 2003, 'Il-Pulizija v Charlot Aquilina' tas-7 ta'

Novembru 2008, 'Il-Pulizija v Ritmar Hatherly u Justin Farrugia' tad-9 t'Ottubru 2008 li lkoll jirritjenu li persuna għandha tingħata ċans ieħor ukoll jekk hija reċidiva u wkoll jekk ħadet xi probation order oħra. Finalment jissottometti l-appellant li l-Qorti għandha tqis l-aspett riformattiv u mhux dak retributtiv biss.

12. L-Ewwel Qorti mmotivat s-sentenza tagħha kif ġej:

*'Illi dwar il-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li qiegħed jinstab ħati dwarhom l-imputat, il-fatt li dawn ir-reati jirrisalu għal aktar minn ħames snin ilu meta l-imputat kien għad għandu dsatax-il sena. Ittieħdet ukoll konsiderazzjoni tal-fedina penali inkwetanti tiegħu minn fejn jirriżulta li l-imputat instab ħati ta' reati kontra l-Kap 65 u 104 tal-Liġijiet saħansitra sa ħames xhur qabel ma wettaq l-imputazzjonijiet li bihom huwa akkużat f'dawn il-proċeduri. F'sentenza tal-14 ta' Lulju 2010 u b'żewġ sentenzi tal-10 ta' Marzu 2011 l-imputat kien instab ħati ta' reati kontra l-artikolu 3 tal-Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta. Minn dan kien jidher ċar li l-imputat ma kienx jaf jisfrutta l-opportunitajiet mogħtija lilu minn qrati diversi fil-passat. Għalhekk m'hemmx dubju li l-uniku piena idonea għandha tkun waħda karċerarja. Madankollu l-Qorti ma tistax ma tosservax li għal kważi tliet snin f'din il-kawża ma sar xejn.'* (fol.81 tal-proċess).

13. Jirrizulta ghalhekk illi kontra dak li jghid l-appellant, l-ewwel Qorti rat il-liġi kif kienet fiż-żmien ta' meta seħħ ir-reat, jiġifieri fid-9 t'Awwissu 2011 qabel l-emendi li sehhew fl-artikolu 95 li introduca piena aktar severa. Qieset ukoll li huwa reċidiv u li din ir-reċidivita' kienet ammessa wkoll meta saret l-ammissjoni

mill-appellant fil-5 ta' Settembru 2016 u l-Qorti kienet taghtu zmien bizzejjed sabiex jirrifletti;

14. Issa, l-artikolu 28B tal-Kodici Kriminali jiddisponi li meta persuna tinstab hatja ta' reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija, li jkun sar matul il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza, il-Qorti ghandha tordna li s-sentenza sospiza tibda issehh. Dik is-sentenza sospiza tista' tkun estiza b'mod illi allura ma tibdiex fis-sehh f'kaz, izda, meta r-reat il-gdid ikun ta' natura involontarja (ex subartikolu (2) tal-artikou 28B). Ir-reati principali mertu tas-sentenza appellata ma humiex ta' natura involontarja u ghalhekk ghandha tibda fis-sehh is-sentenza ta' prigunerija sospiza li f'dan il-kaz hija dik tal-10 ta' Marzu, 2011 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali bl-imputat ikun kundannat ghall-terminu ta' prigunerija ta' erba' (4) xhur sospizi ghal-sentejn fit-termini tal-artikoolu 28A Kodici Kriminali u dan ghal sejbien ta' htija dwar sewqan ta' vettura minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan, minghajr polza ta' assigurazzjoni u ta' ksur ta' Ordni ta Probation;

15. Illi tajjeb li jkun osservat illi l-appell odjern huwa dwar reati simili ghal-dawk tas-sentenza appena msemmija moghtija biss hames xhur qabel l-akkadut meta allura l-imputat kien skwalifikat milli jkollu jew jikseb xi licenzja tas-sewqan. Harsa lejn il-fedina penali tal-appellant turi mhux biss pluralita' ta' offizi konsimili izda ukoll li huwa inghata diversi opportunitajiet sabiex jirriforma ruhu izda l-impressjoni li joffri hi li ma ghandu l-ebda rimors ghall-eghmil tieghu u ebda rispett ghall-awtoritajiet proprju meta jghazel li jsuq bla licenzja u bla polza ta'

assikurazzjoni f'affari ta' ftit xhur wara sentenza u mhux f'okkazzjoni wahda;

16. Illi, minkejja dan, il-Qorti tinnota mill-fedina penali tal-appellant illi bejn s-sentenza tal-10 ta' Marzu 2011 u dik hawn skrutinata, l-imputat kien, misjub hati ta' reati ohra konsimili b'sentenza tal-5 ta' Frar, 2014 talli saq vettura fl-istess cirkostanzi **fid-19 ta' Lulju, 2011** u fejn il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bis-sentenza taghha ordnat li tibda fis-sehh is-sentenza ta' erba' (4) xhur prigunerija sospizi moghtija fl-10 ta' Marzu 2011. Ifisser dan illi l-appellant gia skonta l-piena ta' prigunerija li precedentement kienet sospiza u ghalhekk ma jistax issa jerga' jhallas ta' dak l-eghmil. Konsegwentement ghalkemm il-Qorti qed issib li kontra l-appellant jirrizulta ukoll dan l-addebitu, tastjeni milli ddahhal fis-sehh it-terminu ta' erba' (4) xhur prigunerija sospizi u dan ghar-raguni appena moghtija; Tajjeb li jkun osservat illi sabiex il-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni, anke jekk mhux esposta mill-imputat, kellha tordna li tkun esebita fedina penali debitament dattilografata ghaliex fil- forma precedentement esebita, u kif jigri b'mod kwotidjan, din kienet illegibbli b'hafna bicciet mis-sentenzi maqtugha u mwahhla fuq il- fedina u diversi referenzi (cross references) u notamenti marginali mhux legibbli u li huma l-qofol tal- fedina penali. Jinghad biss li ghadda bizzejjed zmien sabiex il-Qrati jkunu prezentati b'fedina penali aktar idonea mill- forma prezenti.

17. Illi mill-bqija, stante li l-piena erogata mill-ewwel Qorti hija fil-parametri tal-ligi u ma hi xejn sproporzjonata kif jallega l-appellant, anzi hija wahda li wara daqstant *probations* u sentenzi

sospizi dak kien il-pass naturali li kellha tiehu l-ewwel Qorti u li ser tiehu issa din il-Qorti bis-sentenza taghha;

18. Ghal dawn il-motivi, tikkundanna lill-imputat ghal-terminu ta' prigunerija ta' sena u tiskwalifikah milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sentejn minn wara li jiskonta it-terminu ta' prigunerija.

Tordna Komunika ta' din is-sentenza lill-Kummissarju tal-Pulizija.

**(ft) Giovanni M. Grixti**
**Imhallef**

**Vera Kopja**

**Christopher Camilleri**
**Deputat Registratur**